



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 2038/2013 imressqa minn J.W. (ta' ċittadinanza Pollakka), dwar it-tniġġis ikkawżat minn farm tal-minks u volpijiet**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Fiż-żona fejn jgħix il-petizzjonant qed jinbena farm tal-minks Amerikani u l-volpijiet li se jkun fil-viċinanza ta' binjiet residenzjali. Il-petizzjonant jgħid li l-bennej ma għandux permessi tal-bini validi u li l-awtoritajiet lokali qed jinjoraw l-impatt tal-proġett fuq l-ambjent.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-7 ta' Awissu 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

It-trobbija tal-annimali għall-pil tagħhom fl-Unjoni Ewropea huwa suġġett għar-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-liġi tal-UE fir-rigward ta', pereżempju, il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma, jew regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali u derivati minnhom li mhumiex maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

Proċedura amministrattiva użata sabiex jiġu identifikati u indirizzati impatti ambjentali sinifikanti ta' proġett hija stipulata fid-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (EIA) (2011/92/UE). Id-Direttiva EIA hija implimentata fid-dritt Pollakk permezz tar-Regolament tal-Kunsill tal-Ministri tal-9 ta' Novembru 2010 dwar it-tipi ta' proġetti li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent. Dan ir-Regolament jelenka kategoriji ta' proġetti li jista' jkollhom impatt sinifikanti potenzjali fuq l-ambjent, u, b'konsegwenza ta' dan, li għalihom valutazzjoni tal-impatt ambjentali (u konsultazzjonijiet pubbliċi) jistgħu jkunu

meħtieġa. Skont l-Artikolu 3(1)(103) tar-Regolament, it-trobbija ta' animali għal kwantitajiet ta' 40 LU jew aktar u f'farm li jinstab f'inqas minn 100 metru minn żoni residenzjali jew f'żoni naturali protetti huwa proġett li x'aktarx ikollu effett sinifikanti fuq l-ambjent. Il-petizzjonant ma jipprovdni l-ebda evidenza li l-għadd ta' animali huwa oġġla minn 40 LU, li huwa taħt il-limitu stabbilit f'dan ir-Regolament.

### Konklużjoni

Ta' min jinnota li għal dan it-tip ta' sitwazzjonijiet, id-Direttiva EIA tiggarrantixxi aċċess għal proċedura ta' reviżjoni quddiem qorti nazzjonali sabiex tiġi kkontestata l-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet suġġetti għad-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-pubbliku. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-petizzjonant, il-Kummissjoni ma tista' tidentifika l-ebda ksur tal-liġi ambjentali tal-UE.